# Stqarrija

## *Tracking* ta’ għasafar rijabilitati juri potenzjal qawwi għal Malta –appell għas-sigurtà hekk kif jiftaħ l-istaġun tal-kaċċa

Permezz ta’ kollaborazzjoni mal-Malta Environment Foundation bil-proġett *Wings of Hope*, BirdLife Malta qed issegwi erba’ Spanjuletti (Common Kestrels) li ġew rijabilitati wara li ntlaqtu minn tiri ta’ senter matul l-istaġun tal-kaċċa tal-ħarifa li għadda. Wara li nħelsu wara tmiem l-istaġun tal-kaċċa, dawn l-għasafar irnexxew u tawna tagħrif dettaljat dwar l-imġieba tagħhom. Madankollu, hekk kif l-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa jiftaħ it-Tnejn 13 ta’ April, tlieta minn dawn l-ispanjuletti għadhom fil-Gżejjer Maltin, u dan iqajjem tħassib dwar is-sigurtà tagħhom.

L-erba’ spanjuletti ġew salvati wara sfaw vittmi ta’ kaċċa illegali u għaddew minn xhur ta’ kura veterinarja qabel ma nħelsu. Tnejn minnhom inħelsu waqt attività pubblika f’Foresta 2000 fl-10 ta’ Frar — intenzjonalment wara li l-istaġun tal-kaċċa ntemm fil-31 ta’ Jannar biex innaqqsu r-riskju — filwaqt li t-tnejn l-oħra inħelsu fil-ġimgħat ta’ wara. L-għasafar kollha ġew mgħammra b’*tags* GPS-GSM minn bird ringers. Dawn it-*tags* jittrasmettu dejta dwar il-pożizzjoni, il-veloċità u t-temperatura tal-ġisem, u b’hekk jippermettu lir-riċerkaturi jsegwu fejn jieklu dawn l-għasafar, il-postijiet fejn jorqdu u meta jpassu.

F’Malta, l-ispanjuletti jidhru l-aktar waqt il-passa bejn l-Afrika u l-Ewropa, għalkemm xi wħud iqattgħu x-xitwa hawn u ftit minnhom jistgħu saħansitra jbejtu jekk jingħataw iċ-ċans. Il-kaċċa illegali tibqa’ theddida kbira. Is-sena li għaddiet, BirdLife Malta u l-Pulizija ġabru 28 spanjulett milqutin minn tiri ta’ senter — x’aktarx frazzjoni żgħira minn dawk li nqatlu illegalment għal ibbalzmar jew biex ma jfixklux l-insib. L-erba’ għasafar li għamilnilhom tag, huma fost dawk li baqgħu ħajjin u li ħlisnihom b’suċċess lura fin-natura.

L-ispanjuletti huma tajr tal-priża li jaddattaw ħafna, jieklu minn insetti, għasafar żgħar, mammiferi u rettili, u spiss jidhru jittajru f’post wieħed qabel jinżlu għall-priża tagħhom. Jokkupaw ambjenti rurali, u jbejtu fis-siġar, fl-irdumijiet u f’bini abbandunat. It-*tracking* wera li Malta toffri ambjent adattat

għalihom, b'għasafar iqattgħu sa xahrejn f'żoni bħal Miżieb u l-Aħrax — magħrufa għall-attività tal-kaċċa. Hemmhekk, l-ispanjuletti ħadu vantaġġ miż-żoni afforestati u l-art miftuħa tal-madwar għall-ikel u biex jistrieħu. Dan juri l-potenzjal li għandhom li jsiru speċi li jbejtu b'mod regolari jekk jitħallew bi kwiethom.

Mill-erba' għasafar, Spanjulett mara li kienet stabbiliet ruħha fil-Fiddien, Il-Ħamis li għadda qasmet lejn Għawdex u l-Ġimgħa filgħodu rħitilha lejn Sqallija. It-tliet spanjuletti l-oħra għadhom preżenti lokalment hekk kif se jibda l-istaġun tal-kaċċa. BirdLife Malta kkuntattjat lill-Federazzjoni Kaċċaturi, Nassaba, Konservazzjonisti (KNK) u lill-Environment Protection Unit (EPU) dwar il-preżenza ta' wieħed mill-ispanjuletti fil-Miżieb, u appellat għat-trażżin. Għalkemm fl-ewwel ġimgħa tal-istaġun tal-kaċċa, hija permessa biss il-kaċċa tas-summien, mistennija aktar minn 300 kaċċatur fiż-żona minn nhar it-Tnejn 'il quddiem.

"Bil-ftuħ tal-istaġun tal-kaċċa fir-rebbiegħa nhar it-Tnejn, it-tama tagħna li dawn l-għasafar ikomplu jimirħu hija żgħira ħafna. Inċidenti riċenti ta' kaċċa illegali ma joffrux tama għas-sopravivenza tagħhom. Nistgħu biss nistrieħu fuq ix-xorti u r-rieda tajba. Huwa assurd li rridu nappellaw għal dan it-tip ta' rażan, meta l-osservanza tal-liġi għandha tkun ovvja," qal Nicholas Barbara, Kap tal-Konservazzjoni ta' BirdLife Malta.

BirdLife Malta se tkompli taġġorna lill-pubbliku dwar il-movimenti tal-għasafar u tħeġġeġ lil kull min ikun xhud ta' kaċċa illegali biex jirrapporta lill-pulizija fuq 119 jew jikkuntattja lill-organizzazzjoni fuq 21347645 jew 79255697.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Mob: +356 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org

Biex issir membru ta' BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/

**Ritratti:**

01. Female Common Kestrel rescued from Għasri, Gozo in October 2025 with a shotgun injury to its right wing. Rehabilitated, tagged and released in Mellieħa. After two months in Fiddien, it migrated to Sicily.

02. Female Common Kestrel rescued from Baħrija in October 2025 with a fractured right wing amongst other shotgun injuries. Rehabilitated, tagged and released in Mellieħa earlier this year.
03. Female Common Kestrel rescued by Gozo Police in Gozo in October 2025 with multiple shotgun pellets in its body. Rehabilitated, tagged and released in Mellieħa earlier this year.
04. Male Common Kestrel rescued from Siġġiewi in November 2025 with a shotgun injury to its leg. Rehabilitated and released from Mellieħa earlier this year.

**Filmati:** https://youtube.com/shorts/_mJuyjgvfV0?feature=share